MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 347/2005

**Charmaine Grech (ID 0022178)**

**Vs**

**David Falzon**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf u mitejn liri maltin (Lm1, 200) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici meta nhar il-5 ta’ Gunju 2004 il-konvenut dahal fl-appartment taghha u kissrilha hafna mobbli u appliances.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talba hija wahda eccessiva. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-

attrici ghandha ggib il-prova tad-danni kollha minnha allegatament sofferti peress illi dawn huma kkontestati.

Ra d-dokumenti ezibiti.

Ra x-xhieda ta' Charmaine Grech D'Amato fejn tghid illi fl-ghaxra w nofs ta' fil-ghaxija rceviet telefonata minghand gara u din qaltilha li kien hemm il-konvenut qed ikisser. Illi cemplet lill-pulizija u sabithom fuq il-post. Illi l-pulizija sabu l-gallarija sgassata w kollox imkisser. Illi l-konvenut ma hallas xejn.

Charmaine tghid illi l-lista tad-danni ghamlitha kull meta kien ikollha l-ispejjez. Illi nfurmat lill-pulizija bid-danni u dawn talbuha l-ircevuti.

Ra x-xhieda tal-konvenut David Falzon fejn jikkonferma li l-pulizija kienet akkuzatu b'danni li kkawza lill-attrici. Illi l-unika danni li ghamel huma t-television u qaleb xi soft toys. Falzon jichad illi ghamel xi danni ohra ghajr dawk li kkonferma.

Illi meta l-pulizija semmietlu xi affarijiet, huwa nesa minn dak iz-zmien 'l hawn. Falzon jghid illi dak iz-zmien kien stqarr bil-miktub mall-pulizija izda mhux cert li kien qal xi haga ohra. Illi meta mistoqsi dwar il-kawza kriminali w jekk hux vera li ammetta li kkommetta hsara ta iktar minn hames mitt lira jghid illi ma jistax ikun.

Ra x-xhieda tal-ispettur Joseph Mercieca fejn jikkonferma li l-konvenut ghamel stqarrija mal-pulizija. Illi l-konvenut kien cahad li dahal fil-fond tal-attrici u baqa jsostni din il-verzjoni anke meta kien ikkonfrontat fuqha. Jghid illi l-pulizija kellhom xhieda li fil-fatt il-konvenut kien dahal.

L-ispettur Mercieca jghid illli qabel ma l-pulizija bdiet il-proceduri kriminali kontra tieghu, l-konvenut ammetta li kien huwa li dahal fl-appartament tal-attrici.

Illi meta kien spjega lill-konvenut dwar x'sab fl-appartament, il-konvenut sostna li ma ghamilx dik il-hsara

kollha. Illi kien semma xi affarijiet ohra apparti t-television izda l-ispettur ma jiftakarx.

Illi mar fuq il-post tal-attrici ‘l ghada li rcieva r-rapport taghha. L-ispettur Mercieca jghid illi sab fridge freezer maqlub fuq il-genb u television ma l-art. Illi l-attrici wrietu hsarat fil-microwave, fil-washing machine, sony play station, video player u ghamara. Illi l-konvenut qallu li l-fridge freezer ma kienx missu. Mercieca jikkonferma illi huwa vera ra l-hsara.

Illi l-attrici kienet gabet xi rcevuti maghha izda mhux ta’ kollox, li jammontaw ghal mija u hamsa u ghoxrin lira ( Lm125). Illi wriet ukoll ircevuta ohra ta’ appliances izda li ma jindikawx ta x’tip huma li tammonta ghal erbgha mija u ghaxar liri (LM 410).

Ra illi skond sentenza esebita a fol. 17 et sek. l-konvenut ammetta illi volontarjament gharraq hwejjeg haddiehor u ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta’ haddiehor. Illi skond l-akkuza l-konvenut ghamel hsarat li jeccedu l-hames mija (Lm500).

Bhala provi dokumentarja l-attrici esebiet lista ta’ oggetti bi prezzijiet taghhom, rcevuta fl-ammont ta’ seba u ghoxrin Lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm27.75c) xiri ta’ zewg fans, rcevuta ta’ erba mija u ghaxar Liri (Lm410) xiri ta’ white goods, u delivery note ghal “1 bed storage u TV table” fl-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125). Ma gew esebiti ebda rcevuta ohra u lanqas ritratti tal-hsara.

Illi l-attrici ma gabitx provi sufficjenti biex turi li sofriet danni fl-ammont ta’ elf u mitejn Lira (Lm1200). In vista tal-ammissjoni tal-konvenut li ikkaguna danni fl-ammont iktar minn hames mitt Lira (Lm500), dan it-Tribunal arbitrio boni viri jikkonkludi li l-konvenut ghandu ihallas lil attrici l-ammont ta’ hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm525).

Ghaldaqstant jilqa t-talba tal-attrici w jordna lil konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin Lm525.00 rapprezentanti danni sofferti mill-attrici. Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------